**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Dicembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Kyle Schembri**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Kyle Schembri,** ta' 32 sena, bin Margaret Schembri, imwieled Pieta' nhar is-07 ta' Ġunju 1989, residenti 11B, Najsija, Triq taċ-Ċanga, Xewkija, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità 259089M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Jannar 2021 u Diċembru 2021, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda gewwa dawn il-gzejjer:

1. ikkommetta serq ta' aktar minn mitejn tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda inqas minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' JAME Ltd u/jew Joseph Vella u/jew Rebecca Grech, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-ħin u dan bi ksur tal-Artikoli 261 (b), 261(ċ), 261 (f), 263 (a), 267, 270, 278 (3) 279(a) u 281 (ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. kif ukoll talli fl-istess zmien data, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu ta' JAME Ltd u/jew Joseph Vella u/jew Rebecca Grech liema ħsara tammonta għal inqas minn €2,500 u aktar minn €250 u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1)(b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Irrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;
   *Art. 49, 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema' bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' hames snin prigunerija u rifuzjoni lill-vittma tad-danni subiti. Il-Qorti issospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

**5.** Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv, u mistoqsi mill-Qorti xi jwiegeb fuq l-ammissjoni tieghu, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

**6.** Semghet ix-xhieda rigward il-piena.

**7.** Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**8.** Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**9.** Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li giet registrata ammissjoni bikrija, u b'hekk l-imputat ma heliex il-hin u rizorsi tal-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

**10.** Il-fedina penali tieghu mhix wahda allarmanti. Ghandu tlett kundanni minn dawn il-Qrati, wahda ta' serq ikkwalifikat, diversi kontravvenzjonijiet in konnessjoni ma' glieda, u ksur tal-ligijiet tas-sewqan.

**11.** Pero, id-difiza infurmat lill-Qorti li l-imputat ghandu problema akuta ta' tossiko-dipendenza u xtaq li jindirizza din il-problema minn gol-habs, kemm ghalih innifsu kif ukoll sabiex ikun jista' jiehu hsieb lill-uliedu minuri. Il-Qorti tawspika, fl-interess tieghu stess u tas-socjeta in generali, li l-motivazzjoni tieghu hija wahda genwina u mhux intiza biex timpressjona l-Qorti sabiex tinghata piena baxxa.

**12.** Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li l-ammont misruq kien ta' cirka erba' mija u disghin Euro (€490) u d-danni ikkagunati lid-diversi magni tal-petrol station kienu jammontaw komplessivament ghas-somma ta' elfejn mitejn u tmienja u tletin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2238.25).

**13.** Ghall-finijiet ta' piena, it-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex jigi kommess is-serq ikkwalifikat li l-imputat ammetta li hu hati tieghu.

**Konkluzjoni**

**14.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. wara li rat l-Artikoli 18, 216(b), (c), u (f), 263(a), 267, 270, 278, 279(a), 280(2) 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghall-piena ta' sentejn prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

2. In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil hati biex ihallas lis-socjeta JAME Ltd is-somma ta' elfejn u seba' mitt Euro (€2,700), rapprezentanti d-danni subiti minn din is-socjeta konsegwenza tar-reati li ikkommetta l-hati.

   Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin ghall-problema ta' tossikodipendenza tal-hati, u ghax-xewqa tal-istess hati li jindirizza din il-problema.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**